



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għas-Sajd*

---

**2012/2092(BUD)**

21.6.2012

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 - it-taqsimiet kollha  
(2012/2092(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Crescenzo Rivellini

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-abbozz ta' baġit, kif previst mill-Kummissjoni Ewropea, mhuwiex biżżejjed biex ikopri l-bżonnijiet finanzjarji tas-setturi kollha tas-sajd u tal-affarijiet marittimi, minkejja l-importanza ta' dawn l-attivitajiet għall-bilanċ reġjonali, il-konservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar u għal kwistjonijiet ekonomiċi, kif muri mill-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020;
2. Jinnota li l-Abbozz ta' Baġit ma jikkunsidrax l-adeżjoni tal-Kroazja u għaldaqstant se jkun jenħtieġ li l-baġit jitranġa fi żmien adegwat, sabiex ikun żgurat livell ta' finanzjament adegwat għal dan il-pajjiż kostali;
3. Jikkunsidra ta' ħsara kbira fuq il-medda ta' żmien qasir u medju, it-tnaqqis sinifikanti tal-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-Intestatura II (-2.7% jekk jiġu esklużi r-riżervi) u jfakkar li l-politika komuni tas-sajd, li attwalment qed tkun riformata, u biex ir-riforma tkun ta' suċċess, għandu jkun ipprovdut finanzjament sostanzjali sabiex tkun żgurata s-sostenibilità u l-provvista tal-industrija tas-sajd u tal-prodotti tal-akwakultura madwar l-Unjoni;
4. Jitlob l-appropriazzjonijiet ta' impenn totali jinżammu skont il-livelli tal-baġit tal-2012, sabiex tkun ippreservata s-sostenibilità tal-proġetti fis-settur mniedi mill-Kummissjoni u sabiex fl-istess ħin, ikun ikkontrollat l-infiq fil-kuntest tal-awsterità baġitarja;
5. Iqis li l-proposta ta' żieda ta' 3.1% tal-appropriazzjonijiet ta' ħlas, bħala konsegwenza antiċipata fi tmiem il-perjodu ta' programmar tal-baġit multiannwali u fid-dawl tal-impenji meħuda fis-snin preċedenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-Fond Ewropew tas-Sajd (FES), u m'għandhiex titqies bħala sforz mill-Kummissjoni biex tappoġġa dan is-settur;
6. Jikkunsidra bħala indispensabbli li jkunu stipulati prijoritajiet fil-politiki dwar l-affarijiet tas-sajd u marittimi, u qabel kollox fir-rigward tal-appropriazzjonijiet għall-FES (11.06), kif ukoll il-kontroll u l-infurzar tal-politika komuni tas-sajd u b'mod aktar partikolari fir-rigward tal-appropriazzjonijiet għall-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (11.08.05) u tal-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttament tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin (11.07);
7. Jiddeplora t-tnaqqis ta' aktar minn 10% fl-appropriazzjonijiet għall-kapitolu dwar is-swieq tas-sajd (11.02) u jinnota li dan it-tnaqqis hu motivat mir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit 2011 u mill-kuntest ekonomiku attwali;
8. Josserva li tnaqqis eċċessiv tal-fondi disponibbli għad-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd (11.03), peress li hu preżunt li l-ftehimiet internazzjonali dwar is-sajd futuri ser jiswew aktar minħabba l-iskarsezza tar-riżorsi u l-istabbiliment ta' appoġġ settorjali;
9. Jikkunsidra inaċċettabbli n-nuqqas ta' appropriazzjonijiet ta' impenn għall-politika komuni

tas-sajd (11.09) u hu tal-fehma li dan ser jippreġudika l-implimentazzjoni futura tagħha;

10. Jirrifjuta b'mod kategoriku t-tnaqqis fl-approprijazzjonijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd u jistieden lill-Kunsill, biex minflok isostni l-isforzi magħmula minn din l-Aġenzija fl-interessi tal-Unjoni, permezz ta' żieda ulterjuri fl-approprijazzjonijiet ;
11. Jistieden lill-Kunsill jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu dwar il-livell globali ta' approprijazzjonijiet għall-Intestatura 11, sabiex l-approprijazzjonijiet ta' impenn jinżammu fil-livelli tal-2012 u biex jipprovdi ħlas biex ikopri l-azzjonijiet diġà ppjanati, u b'hekk isostni l-prijoritajiet stabbiliti għall-affarijiet marittimi u s-sajd.